SAN LAWRENZ

Il-minuti tal-hdax -il laqgha tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nzammet nhar l-Erbgha 10 t'Ottubru 2012 fit-8:15 ta' filghodu fl-Ufficju tal-Kunsill.

**Prezenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Anthony Formosa |
| **Vici Sindku:** | Anthony Cassar |
| **Kunsilliera:** | John Mercieca<br>Mikelina Mercieca<br>Rose Vella |
| **Segretarju Ezekuttiv:** | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u giet preseduta mis-Sindku Anthony Formosa.

**2.0 Minuti**

2.1 Inqraw il-minuti u gew ikkonfermati. Is-Sindku ghadda ghal xi punti mqajjma fil-minuti.

2.2 Sar qbil li ghandna nergghu nigbdu l-attenzjoni lil Gatt Tarmac Ltd sabiex jaghmlu x-xoghol ta' major patching fi Triq Cangura u jinghatalu 'deadline' ta' ghaxar t'ijiem biex jaghmilha. Jekk jonqos li jaghmel dan l-offerta ghandha taqa'.

2.3 Il-Kunsillier John Mercieca rrefera ghall-htiega sabiex isir il-passagg ta' Triq il-Wileg. Huwa stqarr li qabel ma jsir il-passagg mhux ser japprova l-ebda proposta li titressaq fil-Kunsill. Saret diskussjoni dwar dan il-passagg u l-kunsilliera qablu li ghandna nistinkaw biex dan isir mis-CMU. Is-Sindku semma' li ddispjacih hafna li wehel hu li x-xoghol baqa ma sarx ghax hu ma zamm l-ebda passagg milli jsir.

2.4 Is-Sindku rrefera ghat-tour li ser jigi organizzat ghal Colle Umberto f'Jannar 2013. Huwa semma' li s'issa inkitbu erbatax li wrew l-interess biex imorru u b'hekk it-tour jista jsir. Is-Sindku rrefera wkoll li ghall-Assocjazzjoni tal-Gemellagg, minbarra l-membri prezenti, wera nteress wkoll l-eks kunsillier Sur Joe Sultana. Il-kunsill qabel li ghandha tissejjah laqgha tal-Assocjazzjoni kemm jista jkun malajr.

SAN LAWRENZ

## 3.0 Ufficju tal-Kunsill

3.1 Is-Sindku rrefera ghal-laqgha li huwa flimkien mas-segretarja kellu ghand il-perit tal-progett u prezenta pjanta emendata bhala ufficini tal-Kunsill skond l-ezigenzi li jitolbu l-istess ufficju. Il-Kunsill iddiskuta l-pjanta u wera li qed jaqbel mal-pjanta proposta. Hawnhekk is-Sindku talab vot ghall-approvazzjoni tad-decizzjoni peress li s-sidien qed jigru wara l-Kunsill ghal kuntratt tax-xiri. Il-votazzjoni ntemmet b'erba voti favur u astenzjoni tal-kunsillier John Mercieca fejn stqarr li huwa astjenta ghall-istess raguni li ta fil-bidu tal-laqgha. Il-Kunsill qabel li ghandu jibda l-process mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

## 4.0 Stima tal-Enemalta

4.1 Is-Sindku rrefera ghall-htiega li sabiex jghaddi l-cable tad-dawl fil-pjazza mis-service culvert, li wara kollox dan kien l-iskop tal-culvert, l-Enemalta qed titlob l-ammont ta' €9240 sabiex jghaddi cable gdid peress li dak ezistenti mhux twil bizzejjed biex jghaddi mil-culvert. Il-Vici Sindku Anthony Cassar issugerixxa li ghandna nitolbu lic-Chairman tal-Enemalta biex jassorbu nofs l-ispiza mitluba. Is-Segretarja semmiet li din it-talba tressqet kemm il-darba lill-Enginiera tal-Enemalta izda minn naha taghha dejjem stqarret li f'dan ir-rigward l-ispiza jrid jassorbiha l-Kunsill. Pero sar qbil li ghandha nergghu nippruvaw billi niktbu ittra bil-miktub li Mr Grixti tal-Enemalta u nikkupjaw lill-Enginiera u f'kaz li ma jkollniex risposta pozittiva ma hemmx triq ohra ghajr li nipprocedu.

## 5.0 Materji ohra

5.1 Saret referenza mill-gdid ghall-bozza ta' Triq ir-Rokon li baqghet ma twahhlitx. Sar qbil li ghandu jintbghat ritratt lill-Enemalta sabiex jigi zgurat li qed nirreferu ghall-istess rikjesta.

5.2 Sar qbil li fil-bidu ta' Novembru ghandha tigi organizzata harga ghall-Malta. Sar qbil li ghandna nehduhom Harbour Cruise, Ghar Dalam u jekk it-temp ma jippermettix ghall-cruise ghandna nehduhom fil-barriera tas-Siggiewi jew il-Blue Grotto.

5.3 Il-Vici Sindku Anthony Cassar issugerixxa sabiex issir barrier fi sqaq fi Triq it-Torri. Sar qbil li ghandha ssir site inspection qabel ma tigi ordnata.

## 6.0 Approvazzjoni tal-pagamenti

6.1 Is-Segretarja prezentat lista ta' pagamenti ghall-approvazzjoni. Il-pagament hawn mehmuza gew approvati

SAN LAWRENZ

Il-laqgha ntemmet fid-9:30 ta' filghodu.

**Anthony Formosa**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**